MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**NADIA H. VELLA**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2013

Talba Numru. 601/2012

**Mobisle Communications Limited (C24655)**

**vs.**

**Edmond Schembri K.I. 386753(M)**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tiegħu is-soċjeta` attriċi talbet mingħand il-konvenut il-ħlas tas-somma ta’ ħames mija u sebgħa u sebgħin Ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€577.75) – rappreżentanti ammont dovut in konnessjoni ma’ servizzi ta’ komunikazzjoni bl-akkont numru *A/C 51003409*, mogħtija mis-soċjeta` attriċi lill-konvenut.

Ra li mill-atti jirriżulta li l-konvenut debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, deher għas-seduti miżmuma quddiem it-Tribunal fid-29 ta' Jannar 2013 u fit-28 ta' Frar 2013.

Ra illi fis-seduta tat-28 ta' Frar 2013 il-konvenut xehed bil-ġurament fejn huwa ammetta t-talba attriċi kif dedotta u kkonferma li għandu jħallas lis-soċjeta′ attriċi s-somma ta' ħames mija u sebgħa u sebgħin Ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€577.75).

Ra illi l-partijiet fl-istess seduta ftehmu illi l-ammont kollu dovut għandu jitħallas mill-konvenut lis-soċjeta` attriċi f'pagamenti mensili ta' ħamsin Ewro (€50) kull xahar.

It-Tribunal spjega lill-konvenut l-effett tal-ammissjoni tiegħu u ddifferixxa t-talba għas-sentenza għas-seduta odjerna.

Għaldaqstant, fuq ammissjoni, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta` attriċi is-somma ta' ħames mija u sebgħa u sebgħin Ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€577.75), liema somma għandha titħallas fl-ammont ta' ħamsin Ewro (€50) kull xahar, bl-imgħax legali dekorribbli mid-data ta' kwalsiasi pagament illi ma jsirx, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjeż, inkluż tal-ittra uffiċċjali fl-ismijiet premessi, ippreżentata fit-13 ta' Marzu 2012 u numerata 622/12, huma a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------